MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 2261/2000/1

***Blye Engineering Co. Ltd***

***Versus***

***Break Point Marketing Ltd*; u b'dikriet tat-22 ta' Frar 2005 l-isem tas-soċjetà konvenuta *Break Point Marketing Ltd* għandu jaqra *Closures Ltd*; u b'dikriet tat-2 ta' Ġunju 2005 issejjaħ fil-kawża Mario Cassar**

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi talbet il-prezz ta' elfejn u ħamsa u għoxrin lira (Lm2,025), flimkien ma' l-imgħax kummerċjali u l-ispejjeż ġudizzjarji, bilanċ ta' somma akbar, prezz ta' *cold room* mibjugħa lill-konvenuta u mqiegħda fil-*Breakpoint Holiday Complex.*
Is-soċjetà attriċi talbet ukoll illi l-kawża tinqata' bid-dispensa tas-smigħ, taħt il-proċedura sommarja speċjali, u la s-soċjetà konvenuta u lanqas Mario Cassar, li ssejjaħ fil-kawża, ma wrew illi għandhom eċċezzjonijiet x'jagħtu kontra t-talba tas-soċjetà attriċi. Għalhekk, it-talbiet tas-soċjetà attriċi għandhom jintlaqgħu. Minn stqarrija tas-

soċjetà attriċi stess, iżda, ħareġ illi debitur huwa Mario Cassar, imsejjaħ fil-kawża, u mhux is-soċjetà konvenuta. It-talbiet ta' l-attriċi għalhekk sejrin jintlaqgħu kontra l-imsejjaħ fil-kawża, waqt illi s-soċjetà konvenuta sejra tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju.

Wara li nfetħet il-kawża kienu saru xi ħlasijiet akkont, u l-bilanċ illum huwa ta' elf, mija u ħamsa u tmenin lira (Lm1,185).

Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi, wara li teħles lis-soċjetà konvenuta mill-ħarsien tal-ġudizzju, tikkundanna lil Mario Cassar iħallas lis-soċjetà attriċi elf, mija u ħamsa u tmenin lira (Lm1,185) flimkien ma' l-imgħaxijiet mitluba fiċ-ċitazzjoni u l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------